## Minuti

**Seduta Nru. 12/2015**

Data: It-Tlieta 14 ta' Lulju 2015

Ħin: 6.00pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida

---

Preżenti: Matthew Mangion – *Chairperson*
Deborah Galea – *Viċi Chairperson*
Owen Patrick Attard – *Membru*
Manuel Galea - *Membru*

Arthur Perici – *Agent Segretarju Eżekuttiv*

Skuzati: Jimmy Zahra - *Membru*

---

**AĠENDA**

1. Talba
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti
3. Punti Mqajma mill-Minuti
4. Korrispondenza
5. Diskussjoni dwar materji pendenti
6. Kommunikazzjoni mic-Chairperson
7. Football Tournament
8. Artiklu Gazzetta Kulhadd
9. Gheluq u Aggornament

MINUTI:

### 1. Talba

278 Il-laqgha bidet b'talba.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

279 Is-Sur Owen Attard talab li f'item 249 it-talba biex tizdied kienet ma' item 232 u mhux 230.

280 Is-Sur Owen Attard qal li f'Minuti 10 l-ahhar tlett items riedu jigi 268, 269 u 270 minflok 245, 247 u 248.

281 Il-Kumitat approva l-minuti bil-korrezzjoni mitluba

## 3. Punti Mqajma mil-Minuti

282 Dwar item 262 (Minuti 10) is-Sur Attard staqsa kif bqajna habba xoghol fil-playing field. L-Agent Segretarju Ezekuttiv qal li ser jiccekja u jinforma lill-Kumitat.

283 Dwar item 268 (Minuti 10) is-Sur Attard talab lill-Agent Segretarju Ezekuttiv biex jiccekja dwar xoghol ta' bankina fi Triq Mons Innocenz Zammit c/w Triq Dijonisju Fumicelli.

284 Ic-Chairperson Matthew Mangion irrefera ghall-kummenti fuq Facebook dwar il-qaghda tal-Playing Field. Minn informazzjoni li ghaddietlu l-ex Segretarja Ezekuttiva Marita Portelli, hemm Eur 9000 fondi ghad-dispozizzjoni tal-Kumitat Amministrattiv, fejn qed jigi ssugeritt li dawn imorru ghax-xoghol ta'upgrading tal-Playing Field. Anke l-Kunsill Lokali Msida qabel dwar din il-proposta.
Il-Kumitat qabel li din titressaq quddiem il-laqgha li jmiss tal-Kunsill tal-Msida sabiex isir diskussjoni u jibda l-process ta' hrug ta' offerta ghax-xoghol mehtieg.

285 Is-Sinjura Galea tkellmet dwar Gieh is-Swatar fejn staqsiet jekk thallsux il-kontijiet ta' Mdina Glass u Multi Print.
Is-Sur Mangion qal li dawn ghanddew ghand il-Kunsill Lokali Msida u ser jiccekja jekk sarx il-hlas mehtieg.
Dwar kontijiet mill-Knisja is-Sinjura Galea qalet li dawn ser jghaddihom Fr Robert lis-Sur Attard. Is-Sinjura Galea ziedet li matul l-attivita ta' Gieh is-Swatar hassejt li ma kienetx effettiva u tahseb li intilef l-iskop taghha.Wara diskussjoni sar qbil li f'aveniment iehor ta' Gieh is-Swatar ghandna norganizawha ahjar.

286 Dwar Skeda tal-Hlasijiet is-Sur Attard gibet l-attenzzjoni li hemm valur ta' Eur 32500 (15% general expenses, salarji May'14 – Oct'14). Talab ghal aktar informazzjoni. L-Agent Segretarju Ezekuttiv ser jiccekja u jaghti l-informazzjoni.

## 4. Korrispondenza

287 N/A

**5 u 6. Diskussjoni dwar materji pendenti u Kommunikazzjoni mic-Chairperson**

288 Is-Sur Mangion qal li madwar gimghatejn ilu attenda laqgha mac-Chairperson tal-Awtorita' tad-Djar, flimkien mas-Sindku ta' B'Kara u s-Sur Ellul (Segretarju Privat tal-Ministeru ghall-Familja), fejn iddiskuttew l-art tas-Sisla. Irrizulta li l-file ser jinghata lill-Perit ghar-review dwar bzonnijiet ghall-lokalita'. Il-Kummenti taghna jidhru li jtiehdu on board. Tkellmu dwar Day Care u Child Care u Spizerija kif ukoll Parkegg ghar-Residenti fis-sular ta' taht (dwar dan iridu naraw kif ser jopera).
Issa qed nistennew il-pjanti u aktar dettalji.
Is-Sur Mangion sostna li ghandna nuru koperazzjoni u ma noggezjonawx ghal dan il-progett.

289 Is-Sur Mangion qal li dwar proposti Traffic Management ghadna qed nistennew id-dettalji. Is-Sur Attard qal li ghandu nformazzjoni li qed jahdmu fuqhom. Is-Sinjura Galea qalet li ghandna jkunu nafu x'inhu ghaddej u anke jinvolvi l-Imsida fid-diskussjoni. Is-Sur Mangion ser jaghmel follow up.

290 Is-Sur Galea staqsa dwar il-kiosk fi Triq it-Torri, Swatar. Din ilha hem fuq sena. Sa supply ta' dawl ghandu. Is-Sur Mangion qal li konna lmentajna dwarha u l-eks Segretarja Ezekuttiva qalet li wara 40 gurnata irid permess mill-Lands. Il-Kunsill ta' B'Kara taha no objection. Saret anke PQ u r-risposta kienet li ma hemmx kiosk fiss fil-post imsemmi. Tressaq ukoll ilment mal-MEPA. L-istess sid ghandu kaz simili l-Iklin u l-MEPA nehitlu l-kiosk minn hemm. Konna anke ktibna lill-Pulizija dwar dan il-kaz. Is-Sur Mangion qal li qed jaghmel follow up mal-MEPA.

291 Is-Sinjura Galea qalet li ghandna problema fejn ghandna ninfurmaw lill-Wardens biha. Qed jigi ssugerit li nikkonsidraw one way traffic u times un/loading. Ghandna zona fejn hem residenti bi bzonnijiet specjali. Is-Sur Mangion issugerixxa li tinzamm laqgha mas-sidien tal-hwienet taz-zona. Il-membri tal-Kumitat qablu ma' dan.

292 Is-Sur Mangion tkellem dwar l-istabilliment Arkadia, fejn qeghdin f'diskussjonijiet dwar zamma tal-indafa f'din iz-zona fejn l-operatur jinsab lest li jikkopera. Il-Kunsill Lokali tal-Imsida talab li jsiru CCTV. Is-Sur Mangion ressaq proposta lis-sidien tal-Arkadia u qed jistenna risposta minghandhom. Ser tinzamm laqgha wara l-festa fejn ser tattendi wkoll is-Sindku tal-Msida. Is-Sur Attard ippropona li Arkadia taghti s-sehem taghha fl-apparat tal-playing field fis-Swatar.

**7. Football Tournament**

293 Is-Sur Mangion qal li fis-26 ta' Gunju is-Sur Galea u s-Sinjura Galea organizzaw Football Tournament, fejn kellna konkorenza tajba u kien aveniment success. Gbarna zewg sponsors – GSD u Kellogg's. Kullegg St Martin's offrew grawnds bla hals. Ghalhekk dan it-tournament ma sewa xejn. Kellna 8 tims fejn gbarna Eur 400 bhala registrazzjoni u nghataw premju lil ta' l-ewwel Eur 200 u premju lil tat-tieni Eur 100. Baqa bilanc ta' Eur 100 fejn il-bilanc ghaddewh lill-Agent Segretarju Ezekuttiv u l-Kumitat qabel li dawn imorru biex jinxtara First Aid Kit.

Is-Sur Attard talab sabiex darba ohra jigi diskuss fl-laqgha tal-Kumitat li ser jigi organizatt Football Tournament. Is-Sur Attard jaqbel li jsiru attivitajiet pero' jigi diskussi qabel f'livell ta' Kumitat.

Is-Sur Mangion qal li ma kellniex cans niddiskutu fl-ahhar laqgha tal-kumitat ghax l-ahhar laqgha kienet Marzu u c-cirkostanzi li gew fuqna bir-rizenja tas-Segretarja ma stajniex niltaqghu. Kienet xewqa tas-Sinjura Galea li jinzamm Football Tournament u peress li ma stajniex niltaqghu kumitat habba nuqqas ta' Segretarju, bqajna mixjin biex tigi organizatta din l-attivita'. Is-Sur Mangion sostna li mar sar xejn min wara dahar xi had ghax konna tlabna laqgha bejn il-membri tal-kumitat u ma saritx minhabba cirkostanzi msemmija aktar qabel.

### 8. Artiklu Gazzetta Kulhadd

294 Is-Sur Mangion qal li jirrizulta li wara l-artiklu fil-Gazzetta Kulhadd, l-affarijiet inbidlu bejn il-membri tal-kumitat. Din mhix pozizzjoni felici li l-kumitat jahdem f'dan l-ambjent. Is-Sur Mangion tenna li ser jirrispondi dan l-artiklu f'isem il-Kumitat Amministrattiv. L-ikbar dispjacir hu li intefgha dell ikrah fuq il-hidma tal-Kumitat. J'alla nkomplu nahdmu id f'id ghal gid tal-kommunita'.

### 9. Gheluq u Aggornament

295 Il-laqgha giet aggornata fit-20:15.

Matthew Mangion
*Chairperson*

Arthur Perici
Agent Segretarju Ezekuttiv

Data